Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Roderick Attard)

vs

Annise Bejaoui

Kumpilazzjoni Numru: 465/22

**Illum, it-tlettax (13) ta' Mejju, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Annise Bejaoui** detentur tal-karta tal-identità bin-numru 387889M:

1. **Akkuzat talli nhar il-wiehed u tletin (31) ta` Lulju, elfejn u tnejn u ghoxrin (2022), ghall-habta ta' bejn is-saghtejn ta' wara nofsinhar (14.00hrs) u l-hamsa ta' filghaxija (17:00hrs) gewwa St Paul F/M, l-irziezet tal-Imtahleb, Rabat u/jew fi bnadi ohra fil-gzejjer Maltin kkommetta Serq ta'** ***Shotgun*** **tal-ghamla** ***Breda*** **ghad-dannu ta' Stephen Galea u/jew persuni ohra, liema serq huwa kwalifikat, bil-*valur* li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bil-lok.**

2. **Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kisret il-kundizzjonijiet imposti fuqha b'digriet datat 14 ta' Gunju 2021 mill-Qorti Kriminali, Onor Imhallef Consuelo Scerri Herrera LL.D. li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest.**

Il-Qorti giet mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmija reati, tirrevoka '*contrario imperio'* d-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna r-rearrest ta' l-imsemmi Annise Bejaoui. Kif ukoll tordna li s-somma ta' ghaxart elf Ewro (€10,000) bhala garanzija personali u kif ukoll is-somma ta' tlett elef (3,000) euro depozitu, jghaddu a favur il-Gvern ta' Malta.

3. **Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kisret il-kundizzjonijiet imposti fuqha b'digriet datat 25 ta' Mejju 2020 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr Doreen Clarke LL.D. li permezz tieghu huwa nghatat l-helsien mill-arrest;**

Il-Qorti giet mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmija reati, tirrevoka '*contrario imperio'* d-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna r-rearrest tal-imsemmi Annise Bejaoui. Kif ukoll tordna li s-somma ta' tlett elf Ewro (€3,000) bhala garanzija personali u kif ukoll is-somma ta' hames mitt (500) euro depozitu, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta.

4. **Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi zamm f'xi fond jew kellhu fil-pusess tieghu, taht il-kontrol tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu arma tan-nar, jew munizzjon elenkati fl-iskeda minghajr ma jkollu licenzja taht l-att dwar l-armi.**

5. **Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kisret il-kundizzjonijiet imposti fuqha b'digriet datat 18 ta' Lulju 2022**

**mill-Qorti Kriminali, Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera LL.D. li permezz tieghu huwa nghatat l-helsien mill-arrest;**

Il-Qorti giet mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmija reati, tirrevoka '*contrario imperio'* d-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna r-rearrest ta' l-imsemmi Annise Bejaoui. Kif ukoll tordna li s-somma ta' ghaxar t'elef Ewro (€10,000) bhala garanzija personali u kif wkoll is-somma ta' hames mitt (500) euro depozitu, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta.

6. **Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi filwaqt li jkun qed jaghmel reat kontra s-sigurta` tal-gvern jew kontra l-persuna jew ta' serq jew hsara fuq il-propjeta ikollu fuq il-persuna tieghu xi arma regulari jew munizzjoni jew xi imitazzjoni ta' dawk l-ogetti, ikun hati ta' reat.**

7. **Akkuzat ukoll talli fl-istess data u fil-jiem ta' wara gewwa l-gzejjer Maltin, xjentement laqa ghandu jew xtara diversi hwejjeg li kienu misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkunm indahal biex ibieghhom jew imexxihom.**

Il-Qorti giet mitluba sabiex titratta ma Annise Bejaoui bhala persuna recidiva ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat Annise Bejaoui, jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata hdax (11) ta' Awissu tas-sena 2022 fejn ta l-kunsens tieghu sabiex dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

Semghet ix-xhieda kollha kif ukoll it-trattazzjoni ta' bejn il-partijiet;

## IKKUNSIDRAT

Illi semghet ix-xhieda tal-**Ispettur Roderick Attard** li jghid li fl-ewwel (1) ta' Awwissu tas-sena 2022 mar jirrapporta gewwa l-Ghassa tar-Rabat il-parte civile Stephen Galea li sahaq li fil-wiehed u tletin (31) ta' Lulju tas-sena 2022 kien daqqlu l-alarm tas-sigurtà fil-propjetà tieghu li dahal xi hadd izda hu ma setax jaccedi fuq il-post dak il-hin. Tali propjetà kienet gewwa St. Paul Farm House, limiti tal-Imtahleb. Jghid li l-parte civile kien qallu li l-ghada mar jiccekkja gewwa dan il-post jekk kienx hemm xi haga nieqsa u rrizultalu li kienet ittiehdet l-arma tan-nar. Jghid li fil-fatt il-parte civile pprovda filmat minn CCTV li fih hemm tidher persuna diehla u hierga fir-residenza. Jghid li din il-persuna hija l-imputat Annise Bejaoui u dan stante li kien facli sabiex wiehed jiddentifikah.

Jixhed ukoll li fis-sebgha (7) ta' Awwissu tas-sena 2022 il-Magistrat Dr Rachel Montebello harget mandat t'arrest fil-konfront tal-imputat. Izid jghid li fl-ghaxra (10) ta' Awwissu l-imputat gie arrestat gewwa l-Ghassa taz-Zejtun u li kienet saret tfittxija fir-residenza tieghu ghall-arma allegatament misruqa u

liema tfittxija rrizultat fin-negattiv. Izid jghid li l-imputat gie akkumpanjat gewwa l-lock up tal-Floriana meta wara li lmenta dwar ugigh gie skortat lejn il-poliklinik u mbaghad lejn l-isptar Mater Dei. Jghid li l-ghada fil-hdax (11) ta' Awwissu tas-sena 2022, l-imputat rega' ttiehed lura l-Floriana u ttehditlu l-istqarrija fejn hu wiegeb ghad-domandi kollha li sarulu u dan wara li ffirma r-rifjut tad-drittijiet legali. Jghid li wara tali stqarrija l-imputat rega' lmenta dwar ugigh f'sidru u b'hekk rega' gie akkumpanjat lejn l-Isptar Mater Dei. Zied jghid li l-ghada appena kien ser jigi rilaxxat mill-isptar l-imputat rega' lmenta dwar ugigh u b'hekk inzamm taht l-osservazzjoni tat-tabib. Jixhed ukoll li l-Magistrat Dr Donatella Frendo Dimech hargitlu mandat t'arrest u tfittxija stante li l-arma mertu tal-kawza kienet ghadha ma nstabitx.

Jghid li fit-tnax (12) ta' Awwissu tas-sena 2022 l-imputat inghata l-Police Bail stante li kienu ser jiskattaw it-tmienja u erbghin (48) siegha. Jixhed li ghalhekk kien ta lill-imputat vera kopja ta' mandat ta' arrest u ghalhekk ressaq lill-imputat fit-tlettax (13) ta' Awwissu 2022 quddiem dak iz-zmien il-Magistrat Dr Josette

Demicoli. Izid jghid li l-arma tan-nar tal-ghamla Breda qatt ma nstabet.

Xehed il-parte civile **Stephen Galea** li jghid li kien ghamel rapport fl-ewwel (1) ta' Awwissu tas-sena 2022 fejn qal li gewwa l-propjetà tieghu nsterqitlu arma tan-nar tal-ghamla Breda. Jixhed li tali arma nsterqet gurnata qabel ma mar jaghmel rapport u cioè fil-wiehed u tletin (31) ta' Lulju tas-sena 2022. Izid jghid ukoll li meta nsterqitlu l-arma kien daqq l-alarm izda hu kien ix-xoghol gewwa l-Greens Supermarket. Jikkonferma l-USB a fol. 65 tal-atti processwali li jikkontjeni filmati mehudin minn CCTV li jinsab barra l-propjetà tieghu. Jghid ukoll li mill-filmat tidher persuna diehla gewwa l-propjetà tieghu u iktar tard tohrog tigri bl-arma tan-nar. Jghid li tali filmat gie migbur mill-Pulizija madwar tlett (3) jew erbat (4) ijiem wara li sehh l-allegat reat. Jixhed ukoll li mill-filmat din il-persuna kienet liebsa flokk ta' lewn blu, beritta u shorts. Jikkonferma li din il-persuna fil-filmat hija l-imputat Annise Bejaoui. Izid jghid li l-valur tal-arma tan-nar allegatament misruqa ghandha valur ta' madwar elf u tliet mitt ewro (€1,300).

Xehed ukoll **PS 1236 Joseph Gatt** li jghid li hu kien is-Surgent tal-ghassa li ha r-rapport fl-ewwel (1) ta' Awwissu tas-sena 2022 fejn gie l-parte civile sabiex jirrapporta serq ta' arma tan-nar. Jghid li l-parte civile kien anke pproduca filmat u li l-istess parte civile seta' jaghraf lill-imputat fl-istess filmat. Jikkonferma li l-filmat juri lill-imputat Annise Bejaoui miexi go sqaq li jaghti ghall-fond tal-parte civile u li wara ftit l-istess imputat jidher hiereg b'arma tan-nar. Ix-xhud gharaf l-imputat u pprezenta Current Incident Report immarkat bhala Dok. JG1.

Xehdet ukoll **Stefania Calafato Testa** li pprezentat kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest datati erbatax (14) ta' Gunju tas-sena 2021 mill-Onorevoli Imhallef Dr Consuelo Scerri Herrera. Tali kundizzjonijiet ittiehdu mill-atti tal-kumpilazzjoni numru 560/2020. Ipprezentat ukoll sentenza deciza fil-hdax (11) ta' Mejju tas-sena 2017 fl-ismijiet Pulizija vs Annise Bejaoui u li tali sentenza hija *res judicata*. Ipprezentat sentenza deciza fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru tas-sena 2018 fl-ismijiet Pulizija vs Annise Bejaoui u li hija *res judicata*. Giet ipprezentata sentenza ohra moghtija fis-sbatax (17) ta' Marzu tas-sena 2016 fl-ismijiet Pulizija vs Annise Bejoui u li din ukoll hija *res judicata*.

Xehed **John Sacco** li jghid li gie mahtur bhala espert minn din il-Qorti fis-seduta datata wiehed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena 2022 sabiex jeleva d-dokument immarkat bhala Dok, SG1 u cioè USB. Jghid li tali USB jikkontjeni tliet (3) filmati u li minnhom hareg sitt (6) stills. Jikkonferma li dan kollu gie redatt f'rapport ipprezentat u mmarkat bhala Dok. JSX.

Xehdet **PS 2254 Janice Giordmaina** li tghid li l-parte civile Stephen Galea ghandu disa' (9) armi tan-nar registrati fuq ismu. Tghid li l-arma mertu tal-kawza ghandha s-serje numru K800773 tal-ghamla Breda. Izzid tghid li l-imputat qatt ma rregistra licenzja ta' armi tan-nar fuq ismu.

## IKKUNSIDRAT

Illi huwa oramaj ben risaput illi fi proceduri bhala dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** (Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Mejju 2019) gie ritenut is-segwenti:

*"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l- kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*

*Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla)(Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill- Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill- Qorti tal- Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il- Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- 5 ta' Dicembru 1997 flismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il- Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli*

*ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l- Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi f'dawn il-proceduri jirrizulta li ma hemmx prova tangibbli u konkreta li s-serqa kkommettiha l-imputat odjern u dan ghaliex jirrizulta diversi inkonsistenzi fil-provi li ngabru mill-prosekuzzjoni li fil-fatt ser jigi spjegat f'din is-sentenza.

Illi ghalhekk din il-Qorti ser ikollha tezamina xi provi cirkostanzjali hemm fil-proceduri sabiex tara jekk il-prosekuzzjoni rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha. Illi l-Qrati nostrani huma cari fuq dan is-suggett. Illi skont is-sentenza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** moghtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002 gie ddikjarat is-segwenti:

> *"Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna,*

*jikkonvinci lill- gudikand sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*

*Il-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

*Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm*

*din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha."*

Di piu' mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet **Pulizija vs Cyrus Engerer** (deciza App Kriminali fit-8 ta' Mejju 2014) gie ppuntwalizzat ukoll illi:

*"...Biex wiehed jistabilixxi jekk il-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista' jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal- provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan*

*ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita."*

## IKKUNSIDRAT

Illi mill-provi prodotti johorgu numru ta' nuqqasijiet li l-prosekuzzjoni ghandha sabiex tkun tista' tipprova favorevolment il-kaz taghha. Dan stante l-fatt li qieghed jitressaq l-akkuza tas-serq aggravat bl-ammont u li l-oggett misruq ma nstabx. Ghalhekk il-Qorti ma setghetx tahtar l-esperti taghha sabiex twettaq valutazzjoni indipendenti u oggettiva fuq l-arma allegatament misruqa.

Illi di piu' l-unika stima li ghandha f'idejha din il-Qorti hi dik ipprezentata mill-parte civile. Referenza qieghda ssir a fol. 65 tal-atti processwali fejn gie esebit dokument li jistipula li l-arma mertu tal-kawza hi valutata fl-ammont ta' elf u tliet mitt ewro (€1,300). Il-Qorti fil-fatt tinnota li tali dokument kien iffirmat minn terza persuna u li tali persuna ma gietx imtellgha bhala xhud sabiex tikkonferma l-valur.

Illi ghalhekk il-Qorti tqis li l-aggravju allegat ma jistax iregi stante li l-valur allegat mill-parte civile ma giex pruvat lil hinn minn kull ombra tad-dubju.

Illi aggravju iehor li ressqet il-prosekuzzjoni flimkien ma' dak tal-ammont hu dak ta' serq kwalifikat bil-lok. Referenza qieghda ssir ghall-Artikolu 269(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

> *"Huwa ikkwalifikat bil-"lok" is-serq li jsir -*
>
> *...*
>
> *(g) f'dar ta' abitazzjoni jew f'parti li taghmel maghha."*

Illi l-Qorti tinnota wkoll kemm il-parte civile kif ukoll il-prosekuzzjoni naqsu milli jressqu prova li l-fond fejn sehh l-allegat reat jappartjeni lil Stephen Galea. Ghalhekk il-Qorti tqis li ma tistax issib htija ghall-alegat reat ta' serq aggravt bil-lok.

**<u>IKKUNSIDRAT</u>**

Illi d-difiza ressqet l-argument li l-prosekuzzjoni ma tistax tistrieh fuq il-fatt li l-imputat jintgharaf mill-istatura u l-girja partikolari li ghandu. Il-Qorti hija inklinata li taqbel ma' dan l-argument izda ser ikollha tirreferi ghal dak li qal il-parte civile a fol. 59 tal-atti processwali:

| | |
|---|---|
| *"Spettur Roderick Attard:* | *Min hu dan il-persuna?* |
| *Stephen Galea:* | *Il-persuna gharaftu ghax trabba fl-akwati* |
| *Magistrat:* | *E taf min hu?* |
| *Stephen Galea:* | *Iva.* |
| *Magistrat:* | *dan il-persuna inti?* |
| *Spettur Roderick Attard:* | *Min hu?* |
| *Stephen Galea:* | *Annise Bejaoui. In fatti ommu tigi kugina ta' missieri.* |
| *Spettur Roderick Attard:* | *Qed taghrfu x'imkien f' din l-awla lil dan is-Sinjur li semmejt?* |
| *Stephen Galea:* | *Iva hemm wara bilqieghda."* |

Illi però difiza ohra li tqajmet hija dik li hemm dubji kbar a rigward id-data ta' meta sehh l-allegat reat. Il-Prosekuzzjoni strahet fuq il-filmat li pprezenta l-parte civile fis-seduta datata wiehed u tletin (31) t'Ottubru tas-sena 2022. Din il-Qorti taqbel mad-difiza fis-sens li ghandha riservi kbar rigward dan il-filmat. Referenza qieghda ssir ghar-rapport ipprezentat mill-espert mahtur minn din il-Qorti a fol. 134 tal-atti processwali. Tali rapport ikkonferma l-filmat li gie pprezentat mill-parte civile filwaqt li kkonferma wkoll id-data ta' fuq il-filmat u cioè dik tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju tas-sena 2022.

Illi l-akkuza hija cara fis-sens li d-data tal-allegat reat hi dik tal-wiehed u tletin (31) ta' Lulju tas-sena 2022. Bil-provi li ghandha quddiemha, inkluz b'dak sottomess mill-espert John Sacco, il-Qorti hija kostretta biex tikkonkludi li l-allegat reat ta' serq semplici ma giex pruvat sal-grad rikjest.

Illi fuq dan il-punt referenza qieghda ssir ghall-artikolu 360(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

*"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuza,* ***bil-partikularitajiet ta' zmien***[1] *u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw. Ghandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mharrka tonqos li tidher, hija tigi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat."*

Illi huwa minnu li zball fic-citazzjoni jista' jigi sanat b'semplici korrezzjoni izda din il-korrezzjoni qatt ma sehhet filwaqt li l-prosekuzzjoni naqset milli taccerta ruhha li l-filmatipprezentat gie elevat mis-sistema tas-CCTV tali mod li setghu jikkonfermaw id-data li sehh l-allegat reat.

Illi ghalhekk il-Qorti tqis li ma tistax issib lill-imputat hati ta' din l-ewwel (1) akkuza kif dedotta kontrih.

**<u>IKKUNSIDRAT</u>**

Illi a rigward is-sitt (6), akkuza referenza qieghda ssir ghall-Artikolu 55 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipula:

[1] Emfazi tal-Qorti.

*"Salv kull dispozizzjoni ohra fil-Kodici Kriminali kif tapplika ghaz-zamma, garr, uzu, akkwist jew pussess ta' armi tan-nar, kull min –*

*(a) fil-waqt li jkun qed jaghmel reat kontra s-sigurtà tal-gvern jew kontra l-persuna (minbarra omicidju involontarju jew offiza involontarja fuq il-persuna) jew ta' serq jew hsara fil-proprjetà (minbarra hsara involontarja fil-proprjetà); jew*

*(b) fil-waqt li jkun qed jigi arrestat ghal delitt,*

*ikollu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti, ikun hati ta' reat u jista', meta jinsab hati, jehel il-piena ta' prigunerija ghal mhux izjed minn erba' snin, kemm-il darba ma jgibx prova xort'ohra li kien qed igorr l-arma tan-nar jew l-arma regolari bi skop legittimu."*

Illi din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal dak li xehed l-Ispettur Roderick Attard a fol. 148 tal-atti processwali:

*"Xhud:* *... Is-search saret ghal arma Breda li s-Sur Galea kien irrapporta li nsterqitlu aktar qabel liema search irrizultat fin-negattiv."*

Illi a fol. 150 fejn l-istess xhud jghid hekk:

*"Xhud:* *Nghid ukoll li sal-lum il-gurnata l-arma, l-arma tan-nar in kwistjoni, is-shotgun Berda li kien irrapporta nieqsa Stephen Galea baqghet ma nstabitx."*

Illi element principali sabiex tinstab htija taht dan l-artikolu huwa li l-arma tan-nar trid tkun fuq il-persuna tal-imputat. Ghalhekk minkejja li hemm filmat li jistabbilixxi li l-imputat seta' kellu arma f'idejh dan ma jfissirx li l-imputat zamm tali arma iktar u iktar meta tqis li l-arma ma nstabitx fit-tfittxija tal-Pulizija filwaqt li hemm ukoll dubju dwar meta sehh l-allegat reat kif digà gie espress.

Illi l-istess ragunament ghandu japplika a rigward ir-raba' (4) akkuza stante li d-dicitura tal-ligi (u cioè l-Artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta) tistipula dan li gej:

> *"Minghajr pregudizzju ghad-dispozizzjonijiet l-ohra ta' dan l-Att, hadd ma ghandu jzomm f' xi fond jew ikollu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew igorr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu xi arma tan-nar, jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II minghajr ma jkollu licenzja taht dan l-Att."*

Illi ghalhekk il-Qorti tqis li ma tistax issib lill-imputat hati ta' din is-sitt (6) akkuza kif dedotta kontrih u wisq anqas fuq ir-raba' (4) akkuza.

## IKKUNSIDRAT

Illi a rigward is-seba' (7) akkuza d-definizzjoni legali tar-reat ta' ricettazzjoni tinsab fil-Kodici Kriminali fl-Artikolu 334 li jghid hekk:

*"Kull min f'Malta xjentement jilqa' għandu jew jixtri ħwejjeg misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, jindahal biex ibieghhom jew imexxihom, jehel, meta jinsab hati –*

***<u>(a) jekk il-haga tkun gejja minn serq, bil-pieni tas-serq, skont il-valur tal-haga;</u>***

*(b) jekk il-haga tkun gejja minn wiehed mir-reati dwar hwejjeg akkwistati jew mizmuma kontra l-ligi, bil-piena li hemm ghal min hekk jakkwista jew izomm;*

*(c) jekk tkun gejja minn frodi, bil-pieni li hemm ghal dik ix-xorta ta' frodi li minnha l-haga tkun gejja:"*

Illi stante illi hareg mill-atti illi hemm dubju jekk l-arma mertu tal-kawza gietx misruqa din il-Qorti mhix ser issib htija fuq din l-imputazzjoni.

<u>IKKUNSIDRAT</u>

Illi a rigward it-tieni (2), it-tielet (3) u l-hames (5) akkuzi stante li l-imputat ma nstabx hati tar-reati allegati l-Qorti mhix sejra tiehu konjizzjoni ta' dawn l-akkuzi.

## Decide

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti ma ssibx lill-imputat **Annise Bejaoui** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih stante nuqqas ta' provi u kwindi tilliberah minn kull osservanza u piena.

________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**